MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Numru 886/2010

Il-Pulizija

(Spettur Ivan Cilia)

vs

Francis Xavier Curmi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 10066m, akkuzat talli f'Lulju 2010 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaguinarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u digha u ghoxrin euro E2329.37) ghad-dannu ta' Spiridione Gatt;

2. fl-istess data hin u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra s-somma ta' aktar minn elfejn tiet mija u disgha u ghoxrin u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) ghad-dannu ta' Spiridione Gatt liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
3. fl-istess data hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor ingann jew billi wera haga b'ohra xabiex igieghel titwemmen esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tiet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) ghad-dannu ta' Mario Camilleri;
4. fl-istess data hin u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centemzu (E2329.37) ghad-dannu ta' Mario Camilleri liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
5. fl-istess data hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disa u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) ghad-dannu ta' Vincent Sciberras;
6. fl-istess data hin u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra s-somma ta' aktar minn elfejn tiet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) ghad-dannu ta' Vincent Sciberras liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha spacifikat;
7. fl-istess data hin u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) ghad-dannu ta' Jason Cordina;
8. fl-istess data hin u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuna ohra is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (E2329.37) ghad-dannu ta' Jason Cordina liema somma giet f'data jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
9. wettaqt reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' April 2010;
10. sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz u ai termini tal-artikoli tal-ligi minnhu citati bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti fis-semplicita' taghhom huma li l-imputat kien adopera ruhu li lill-kwerelanti imsemmija fl-akkuza idahhalhom jahdmu fil-Port Hieles ta' Marsaxlokk u ghal dan il-ghan kien staqsihom u irceva min ghandhom somom ta' flus. L-imputat kien inadempienti fl-intenti tieghu, baqa illusinghom sakemm l-kwerelanti irrikorrew ghand il-pulizija. Fis-stqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien irceva flus minghand il-kwerelanti u zied li l-flus uzhom ghalih biex ihallas id-dejn li kellu.

L-Avukat Generali qieghed jixli lill-imputat bi frodi b'ghemil qarrieqi (it-truffa) u b'misapproprjazzjoni fil-konfront ta' kull wiehed mill-kwerelanti.

Fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-imputat issottometta li l-pagamenti kienu saru b'self jew bhala hlas ghall-prestazzjonijiet li l-imputat irrenda lill-kwerelanti u kwindi hu f'din l-ottika li ghandhom jigu ikkonsidrati l-pagamenti.

Il-Qorti pero' ma taqbilx. Ghalkemm huwa pacifiku li in kwantu ghar-reat ta' truffa, igifieri biex treggi akkuza taht l-Artikolu 308 tal-Kap 9,  affermazzjonijiet , luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjiri tal-imputat, m'humiex wahedhom bizzejjed biex jerradikaw dan ir-reat li jinnecessita' li jkun hem mil-'mise en scene', cjoe' dawk l-artificji jew raggiri tali li jkunu jgibu telf patrimonjali ghal min ikun gie indott fl-qerq u konsegwenti qligh ghall-agent. Issa, l-artikolu stess tal-ligi jsemmi l-mezzi li permezz taghhom jikkostitwixxu l-frodi b'ghemil qarrieqi fost liema hemm it tqanqil ta' tama ta' xi grajja kimerika.

Il-Qorti ghalhekk tafferma li l-imputazzjoni ghal dan ir-reat hi pruvata u ghalhekk m'hemmx il-bzonn li tigi trattata l-misapproprjazzjoni li neccesarrjament aktarx tigi eskluza.

Ghalhekk issib l-imputat hati tal-akkuza li titratta l-frodi b'ghemil qarrieqi fil-konfront ta' Spridione Gatt, Mario Camilleri, Vincent Sciberras u Jason Cordina.

Issibu hati wkoll li wettaq reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza u li sar recidiv.

Rat l-Artikoli 309, 28A, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tikkundannah:

- fuq li wettaq reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-9 ta' April 2010 tordna li jitbiddel l-ordni originali b'dan illi l-perjodu operattiv ghandu jibda isehh mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22B(2)(a)tal-Kap 9;
- fuq l-frodi b'ghemil qarrieqi u r-recidiva tilliberah kondizjonalment li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'dan illi a tenur tal-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 jrodd lura zmien li ma jiskorrix sena mill-lum kull ammont li l-imputat irceva minghand l-kwerelanti individwalment.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------